MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 230/2014

**Creek Developments p.l.c**
**(C 50531)**

**Vs**

**Kristel Tonna u Marcus Tonna**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' April, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta Kristel Tonna kienet s-sid tal-bastiment Simply Brilliant 1 fiz-zmien li l-istess bastiment kienet taghmel uzu mill-berthing facalities fil-marina tas-socjeta' attrici;

Illi l-konvenut Marcus Tonna kien u ghadu il-kaptan u r-rapprezentant ta' l-bastiment "Simply Brilliant 1" u dana meta l-istess bastiment kienet taghmel uzu mill-berthing facilites fil-marina tas-socjeta' attrici;

Illi l-konvenuti ghandhom bilanc ta' elfejn, hames mija u tnejn u disghin Ewrou tnejn u sittin centezmu (€2,592.62) mas-socjeta' attrici rapprezentanti l-prezz berthing fees u

servizzi tad-dawl u ilma ghall-opra tal-bahar SIMPLY BRILLIANT u dan skond l-invoices hawn annessi u mmarkati bhala Dok MT1-MT9;

Ghaldaqstant, s-socjeta' attrici qed titlob illi l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu s-somma ta' elfejn, hames mija u tnejn u disghin Ewrou tnejn u sittin centezmu (€2,592.62) rapprezentanti l-prezz berthing fees u servizzi tad-dawl u ilma ghall-opra tal-bahar SIMPLY BRILLIANT u dan skond l-invoices hawn annessi u mmarkati bhala Dok MT1 - MT9 bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' kull invoice sad-data tal-pagament effettiv kontro l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Il-konvenuta Kristen Tonna pprezentat nota li fiha spjegat l-eccezzjoni preliminari dwar il-gurisdizzjoni o meno tat-Tribunal.

It-Tribunal ghalhekk intalab jiddecidi jekk il-kawza in kwistjoni taqax that il-gurisdizzjoni ta' l-istess Tribunal. Din il-kwistjoni qed titqajjem peress illi l-konvenuta qed tghid illi f'din il-kawza t-Tribunal irid jiddecidi dwar propjeta.

It-Tribunal pero' huwa tal-fehma illi t-talba attrici hija wahda ta' hlas ta' fatturi li nhargu u baqghu mhux imhallsa mill-konvenuti.

In vista ta' dan it-Tribunal jichad l-eccezzjoni preliminari dwar il-gurisdizzjoni tat-Tribunal u jordna l-prosegwiment tal-kawza.

Spejjez a karrigu tal-konvenuti.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------